## RIH FUQ

Grow old along with me,
The best is yet to be.
*(Browning.)*

*Bejn id-dlamijiet tal-ġuf u dawl tal-qabar,*
*Hemm id-dwal, il-lwien u l-hena ta' bin-nhar;*
*Għad li l-ħajja hi qasira u l-mewt kiefra,*
*Għal xi żmien dirgħajna jkunu ta' l-azzar.*

*Jiġri x'jiġri jien inħoss għandi nistqarr*
*Mhux tassew illi l-ħajja kollha mrar;*
*Jien niftakar f'Mejju msaħħar, Ġunju l-ikħal,*
*Waqt id-dlam, is-sried, u d-dwejjaq ta' Jannar.*

*Robert Browning jien ngħodd l-aqwa fost il-kbar;*
*Il-filosfu pessimist, filosfu ħmar;*
Melius esse quam non esse *qal Wistinu:*
*Żomm il-frasi. Fiha x'tomgħod u x'tixtarr.*

*Wara kollox kien li kien u sar li sar,*
*Kull triq s'issa dejjem wasslitna fid-dar;*
*Dak li ħadna s'issa ħadd ma joħodhulna,*
*U—min jaf?—forsi li għadu ġej l-aħjar.*

Novembru 1948. EMANUEL AGIUS.

---

# Reċensjoni

Ġorġ Pisani: **IL-WALTZ TAD-DELLIJIET.** — Lux Press, 1949. Prezz 2s. 6d.

KULL meta naqbad naqra l-poeżija ta' Pisani nistħajjilni nħoss għaddeija żiffa ħelwa li tidħol fil-kamra fejn inkun u tgħaddi u tħalli warajha ferħ u serħan il-qalb. Sewwa sew kif Pisani stess igħanni fis-sunett *Ħajja* (p. 30): —

*Berraħt filgħodu t-tieqa ta' ġol-kamra*
*u daħlet fewġa taqbeż mellesija.*

Minn bejn il-paġni ta' dal-ktieb ġdid Ġorġ Pisani jidher bniedem kemm kemm mibdul minn kif konna nafuh bħala l-poeta tal-*Għid taż-Żgħożija*. Kemm kemm mibdul, għax mill-bqija għadu jħobb in-Natura xorta jekk mhux iktar minn qabel; u bħala ritrattista reġa' tana erba' kwadri l-ġmiel tagħhom ta' postijiet f'Għawdex—ix-Xlendi, Marsalforn, San Blas, ir-Ramla, San Dimitri u oħrajn. Għadu jittama daqs qabel fil-poeżija bħala qawwa fil-ħajja tal-pajjiż. Isma' x'igħid: —

*Imbierka l-art fejn tħabbat ta' kull siegħa*
*qalb il-poeti! Kbir is-sema tagħha*
*u s-sena kollha tħaddar ir-rebbiegħa.*

Imma nsibu bidla fl-attitudini tiegħu lejn il-ħajja. Nibdew biex ingħidu li l-imħabba m'għadhiex taħkem bħal qabel fl-ispirazzjoni ta' Pisani. Tassew li fil-poeżija *Meminisse Juvat* jiftakar kif darba, fir-rebbiegħa, ħares f'għajnejn l-imħabba u ħass ġo sidru bħal tifwir ta' ħajja li qabel ma kienx jaf x'inhi. Imma x'jiswa? L-aħħar togħma li ħallietlu kienet morra u jitkexkex biss jiftakar fiha—*Meminisse Horret*. U issa kieku jista' jħalli l-bnedmin kollha warajh, l-imħabba saret "xrara li tgħib malajr", "muntanja li tinħall u tisfa' żrara" jew "kelma mingħajr tifsira". Kemm hi aħjar u isbaħ l-imħabba safja tal-ħamimiet ġol-barumbara?

*U jekk insib hemm ġew tassew l-imħabba*
*li ili nfittex sħiħ bla ma rnexxieli,*
*iien nibqa' hemm u nħalli lill-bnedmin.*

Escapism! Imma mhux beżżiegħi. U l-poeta li fil-poeżijiet ta' qabel rajnieh nieżel fil-qobra ta' Wied il-Mewt *bla tama*, jonkella jiġġerra malħolqien igħanni *bla rażan*, nisimgħuh issa jitlob lill-Muża biex tixgħellu l-fantasija ħalli jikteb innu kbir u qalil, innu tal-biża' li bih "id-dinja kollha ssir kulur id-demm" (p. 6). L-egħmil ġiefi tal-ħbieb foloz iġagħlu wkoll jagħdab kontra l-faċċoliżmu u l-mibegħda. U lill-kritiċi tiegħu li għax ma fehmuhx pinġewh ikrah u għeru għax in-nies ċapċpitlu meta deher fuq il-palk, jisfidahom biex juru isimhom—sfida li fil-qawwa tagħha tfakkarna f'oħra bħalha ta' August Strindberg, il-poeta u drammaturgu Svediż:—

*Oħorġu f'dawl ix-xemx, la tibqgħux ġewwa,*
*biddlu l-ilbies minsuġ bl-ipokrisija,*
*taħbux il-verità b'leħen is-sewwa.*

(Lill-Kritiċi Tiegħi—p. 28).

X'kien li ġiegħel lil Pisani jikteb daqs dawn sunetti fi żmien hekk qasir insibuh fis-sunett *Lis-Sunett* (p. 34). Fuq kollox jolqtuna l-ewwel erba' versi:—

*Inħobbok, ja Sunett, għaliex fik jiena*
*inserraħ ta' sikwit dil-qalb għajjiena,*
*u nfassal ħsebijieti bla tbatija*
*taħt it-tqanqil leħħiem tal-poeżija.*

Is-suġġett jittrattah minn *punto di vista* personali, ftit limitat, mhux jimraħ mal-pajjiżi u l-letteraturi bħal ma għamel Wordsworth fis-sunett tiegħu *The Sonnet*. Issa mitt sunett fihom, għax mhux kull erbatax-il vers imlaqqgħin flimkien jagħmlu sunett. U għalhekk nifirħu meta naraw li ħafna minn dawn il-mitt sunett ta' Pisani huma tassew ispirati u l-ħsieb f'idejn il-poeta jogħla sal-qċaċet li ftit s'issa laħqu bis-sunett fil-Malti. L-iktar li jidhru dgħajfa, fil-fehma tiegħi, huma xi sunetti mħaddmin fuq l-istil imsejjaħ Shakesperian, li fihom l-aħħar żewġ versi, li għandhom ikunu l-qofol tal-ħsieb kollu tal-poeta, jidhrilna li jaqgħu u jitilfu l-ispirazzjoni. Ngħidu aħna fis-sunett *Nemusa*, ma jogħġbuniex dawn l-aħħar żewġ versi:—

*Xħin għada wiċċi jidher kollu qrusa*
*Min jemmen li kien ħtija ta' nemusa?*

Għal dan in-nuqqas imbagħad Pisani jpatti bil-*couplet* li ġej, meħud mis-sunett *Kwiekeb u Nwar* (p. 18): —

*U x'ħin minn ġismi r-ruħ tisfa' mifruda*
*Bikom f'għajnejja mmut f'ħolma ta' bjuda.*

Fost l-aktar sunetti li għoġbuna u li nħossu li jmisshom jidħlu f'kull antoloġija, insemmu *San Dimitri*, *iż-Żifna tas-Sigħat*, *Il-Waltz tad-Dellijiet*, *iż-Żernieq*, *Il-Quċċata*, *Nida*, *Gugarell ta' Tfuliti* u fuq kollox *Wied il-Għasri*, fejn ta' kull filgħaxija jistħajjel il-poeta li jinġabru s-sireni rekbin fuq dahar il-kukkudrilli u l-baleni. Isemmgħu l-għanja tagħhom ta' dwejjaq, għax tilfu l-ġmiel u l-imħabba. Jitilqu, imma l-għanja tagħhom tibqa' tidwi mal-wied: —

*U tibqa' tas-sireni s-serenata*
*iddumdam ġol-għerien u ma' kull blata;*
*sakemm fuq wiċċ il-baħar jaqa' velu*
*u l-Wied jerġa' jinsatar fil-misteru.*

Donnu l-ġmiel tas-seħer li għanna l-poeta ta' l-Irlanda W. B. Yeats tlaħħam mal-ħsieb tal-poeta Għawdxi biex ilibbes ix-xtajta tagħna billbies imsaħħar.

Mhux daqshekk ispirati jidhru li huma s-sunetti miktubin tul ilvjaġġi tiegħu fil-Kontinent.

Niltaqgħu f'dan il-ktieb ma' xi diwi ta' kittieba kbar barranin. L-argument tas-sunett *It-Triq* ifakkarna fil-poeżija ta' J. Drinkwater *Mamble* li minnha wkoll tnebbaħ A. Buttiġieġ f'*Iż-Żebbuġ t'Għawdex*; mas-sunett *Kotba* qabbel, fil-bogħod, *The Scholar* ta' R. Southey; ix-xenqa għall-"bewsa taħraq nar tax-xemx ħanina" u l-"ħlewwa ta' bla tarf tar-ramel mieles" hija d-diwi ta' l-istess tqanqil fil-poeżija *Sea Fever* tal-*poet laureate* Ingliż, John Masefield. U t-tqanqil li nisslet fil-poeta tagħna t-tfajla Sqallija li xejritlu waqt li kien għaddej mnejn l-għalqa tagħha (*Vjaġġi fi Sqallija*, p. 37) ma donnokx tistħajjilha dik ix-xbejba Skoċċiża li fuqha Wordsworth għanna fil-poeżija *The Reaper*? Għall-kadenza solenni fil-metru li aħna nassoċjaw ma' l-aħjar poeżija ta' John Milton, ifakkruna fil-versi mqanqla *On His Blindness* u *On the Late Massacre in Piedmont* dawn il-versi mis-sunett *Ideal* (p. 33): —

*Meta f'widnejja nisma' l-karba twila*
*tal-ġnus maħkuma ġewwa d-dlam tal-ġrajja*
*u nara żgħażagħ u xbejbiet bil-qtajja'*
*jissieltu mat-tiranni bl-akbar ħila......*

Influwenzi ta' poeti kbar bħal dawn ma jistgħux ma jagħnux il-poeżija Maltija u jwessgħu l-motivi u l-ispirazzjonijiet tal-poeti tagħna.

Lill-ħabib tagħna Ġorġ Pisani nifirħulu minn qalbna u nħeġġuh biex jibqa' sejjer fit-triq tal-għana, itina kotba oħra tal-poeżija u hekk iwettaq dak li jgħanni huwa stess fis-sunett *Il-Qniepen* (p. 8): —

*U leħni miexi miexi bl-akbar ħlewwa,*
*jirbaħ liż-żmien, lill-mewt u kull għedewwa,*
*jofroq l-arja u s-sħab, beżgħan minn ħadd.*

G. C. P.